MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru. 507/2000

**Il-Pulizja**
**(Assistent Kummissarju Neville Aquilina)**

**vs**

**Glenn Busuttil**

Kumpilazzjoni Nru: 507/2000

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi

Glenn Busuttil, ta’ 32 sena, bin Spiridione u Maria Dolores nee’ Goodlip, imwieled l-Imsida, fl-10 ta’ Jannar 1977 u residenti Fourth Floor, Door Number 1, Camerata Buildings, Merchants Street, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 139877(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Lulju, 2000 u f'dan l-ahhar xahar qabel din id-data

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina u kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-dorga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina u kokajina, specifikati fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkolu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) U aktar talli ikkometta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ 100 metru mill-parametru tal-iskola, bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi skond il-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

e) U aktar talli huwa sar recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva fil-15 ta’ Mejju, 2000.

Il-Qorti, hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 22(2) ta’l-istess Kapitolu 101 u r-regolamenti 4 u 9 ta’l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939.

Rat l-ordni ta’l-Avukat Generali datat 17 ta’ Lulju 2000 sa biex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u dan ai termini ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-degriet moghti minn din il-Qorti (kif diversament preseduta) bhala Qorti Struttorja fis-26 ta’ Lulju 2000 li permezz tieghu iddecidiet li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza.

Rat il-kontr’ordni ta’ l-Avukat Generali datat 16 ta’ Jannar 2001 li permezz tieghu baghat lill-imputat biex jigi processat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u dan ai termini ta’l-artikoli 22 u 31 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta .

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma li huwa forna jew prokura droga eroina u kokajina lil terzi, li huwa kellu fil-pussess tieghu dawn it-tipi ta’ droga, li kkommetta dawn ir-reati f’distanza ta’ mitt metru mill-parametri ta’ skola, li kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja, u li huwa recidiv.

Illi mid-depozizzjonijiet mghotija mill-ufficjali tal-pulizija involuti f’l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz kif ukoll mir-rapport ta’l-espert nominat minn din il-Qorti jirrizulta ampjament li fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kellu fil-pussess tieghu 2.150 gramma kokajina u 2.810 gramma eroina.

Illi dan il-fatt huwa ammess mill-imputat f’l-istqarrija tieghu, hekk kif huwa ammess ukoll mill-imputat f’l-istqarrija tieghu li huwa kien ibiegh parti mid-droga li kien akkwista. Huwa qal f’l-istqarrija tieghu li huwa kellu l-vizzju tad-droga u huwa kien ibiegh parti mid-droga li kien jixtri biex ikun jista jmanti l-vizzju li huwa kellu; huwa anke specifika kemm kien jithallas ghad-droga li jbiegh. Ammetta qal ukoll li l-flus li gew sekwestrati mill-pulizija meta arrestawh kienu r-rikavat mill-bejgh tad-droga (kemm kokajina kif ukoll eroina) fit-tlett ijiem ta’ qabel.

Illi l-imputat mhux qed jikkontesta li dawn ir-reati sehhu f’distanza ta’ mitt metru minn parametru ta’ skola u dan kif jirrizulta mill-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fit-18 ta’ Dicembru 2000.

Illi r-raba imputazzjoni tirreferi ghal fatt li l-imputat kellu fil-pussess tieghu mus minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Mix-xhieda tal-pulizija li waqqfu lill-imputat jirrizulta minghajr dubbju li l-imputat kellu mus fuqu (li sussegwentement gie esebiet) u mill-atti jirrizulta ukoll li l-imputat ma kellux licenzja biex izomm dan l-istrument.

Illi in vista tas-suespost jirrizulta li l-ewwel erbgha imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacjentement pruvati.

Illi kontra l-imputat hija migjuba ukoll l-imputazzjoni tar-recidiva. Pero ghalkemm giet prezentata l-fedina penali ta'l-imputat ma gewx esebieti s-sentenzi relattivi. Kif gie ritenut mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali *l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal din in kwistjoni hi li tigi esebieta kopja ufficjali tas-senenza relattiva, u wara ssir il-prova ta'l-identita ... jekk ma tigix esebieta jew prodotta tali prova permezz ta' kopja ufficjali tas-sentenza … allura wiehed ma jistx jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament (l-imputat) kienx ikkommeta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati*[1]. Konsegwentement din l-ahhar imputazzjoni ma gietx pruvata.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi bla dubbju ta' xejn konsiderazzjoni importanti hafna hija n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u li huma reati serjissimi, il-kwantita ta' droga li nstabet fil-pussess ta'l-imputat, kif ukoll kemm kien bejgh droga fil-granet ta' qabel.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'imputat mal-pulizija, kif ukoll il-fatt li dan il-kaz qed jigi deciz wara disgha snin minn meta gie prezentat, dewmin li fil-bicca l-kbira tieghu ma kienx jahti ghalih l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 22(2) ta'l-istess Kapitolu 101 u r-regolamenti 4, u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni u tilliberah minnha, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet tikkundannah sentejn prigunerija u

[1] Ref Pulizija vs Paul Abela et deciza 10.09.2004.

multa ta’ elfejn Euro (€2000) u tar-raba imputazzjoni tikkundannah multa ta’ mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47); il-multi ghandhom jithallsu fi zmien sena. Il-Qorti tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ sebgha u tmenin Euro u tlieta u disghin centezmu (€87.93) ekwivalenti ghal Lm37.75 u rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’esperti f’dawn il-proceduri; il-hlas ta’ dan l-ammont ghandu jsir fi zmien xahrejn.

In oltre l-Qorti qed tordna li l-flus depozitati (Dok SG4) jigu konfiskati favur il-Gvern ta’ Malta u li d-droga u l-oggetti l-ohra esebieti (Doks SG1, SG2, SG3, SG5) jigu distrutti a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------